MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tat-30 ta' Awwissu, 2006

Numru 907/2006

**Il-Pulizija**
**Spettur Carmelo Magri**
**V**

**OMISSIS**
**STEFAN CUTAJAR**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputati **SYLVESTER CILIA** ta' wiehed w ghoxrin sena, bin Philip u Mary nee Borg, imwieled Pieta nhar s-sitta wta' Awissu 1985 u residenti 'Philipmar', Triq l-Grazzja, Haz Zebbug, detentur tal-karta tal-identita numru 397285M u **STEFAN CUTAJAR** ta' tnejn w ghoxrin sena bin Joseph u Mary nee Cassar, imwieled Pieta nhar s-sittax ta' April 1984 u residenti Plot 4, Maisonette 1, Triq l-Ajzar, Hal Safi, detentur tal-karta tal-identita numru 203984M gew imressqa quddiemha akkuzati talli:

1. B'diversi atti maghmulin, wkoll jekk fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda, fit-tlieta w ghoxrin ta' Awissu 2006 ghal habta tat-tlieta w nofs ta' wara nofsinhar minn Triq Galigari, Zabbar, kkommettew serq ta' mutur tal-ghamla Yamaha 80 bin-numru ta' registrazzjoni FAR 678 ghad-dannu ta' Paul Fenech, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-valur li jeccedi l-elf lira maltin u bix-xorta tal-haga misruqa;

2. Talli fl-erbgha w ghoxrin ta' Awissu 2006, ghal habta tas-saghtejn u nofs ta' wara nofsinhar mix-xatt taht t-Torri, Sliema, kkommettew serq ta' basket li kien fih apparat cellulari u diversi oggetti u hwejjeg ohra li l-valur globali taghhom jammonta ghal tmenin lira maltin ghad-dannu ta' Krista Fonde;

3. Talli fl-istess data u cirkostanzi, kkommettew serq ta' basket li kien fih hwejjeg u oggetti ohra li l-valur globali taghhom jammonta ghal tletin lira maltin ghad-dannu ta' Rachel Falzon;

4. Talli fl-erbgha w ghoxrin ta' Awissu 2006, ghal habta tat-tlieta w kwart ta' wara nofsinhar mix-xatt ta' Qui si Sana, Sliema, kkommettew serq ta' basket li kien fih apparat cellulari u diversi oggetti u hwejjeg ohra li l-valur taghhom jammonta ghal tmenin lira maltin ghad-dannu ta' Kristina Dalli;

5. Talli fl-istess data u cirkostanzi, xjentement laqghu ghandhom jew xtraw hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat, sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew xjentement b'kull mod li jkun, indahlu biex ibieghuhom jew imexxuhom;

Rat d-dokumenti kollha esibiti mill-prosekuzzjoni nkluz l-istqarrijiet rilaxxjati mill-imputati nhar l-hamsa w ghoxrin ta' Awissu 2006.

**Semghet l-ammissjoni tal-imputat Stefan Cutajar ghal ewwel erbgha [4] akkuzi** kif registrata fl-atti fis-seduta ta' nhar t-tletin ta' Awissu 2006 meta sar l-ezami ai termini

tal-artikolu 370(4), 390(1) u 392 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-artikolu 453(1) tal-Kap 9 u cioe wara li l-imputat Stefan Cutajar wiegeb li hu hati tal-ewwel erbgha [4] akkuzi dedotti fil-konfront tieghu, din l-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq l-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u taghtu zmien xieraq biex jekk irid jerga lura minnha u kien wara li staqsietu t-tieni darba li l-Qorti ghaddiet biex taghti kaz din l-ammissjoni tieghu.

Illi ghalhekk fuq ammissjoni tal-stess imputat Stefan Cutajar, l-Qorti tiddikjara li qed issbu hati tal-ewwel erbgha [4] akkuzi minnu ammessi.

Semghet lil Prosekuzzjoni titlob separazzjoni tal-gudizzju fil-konfront tal-imputat Stefan Cutajar.

Semghet lil prosekuzzjoni tghid li l-hames [5] akkuza nghatat b’mod alternattiv ghal erbgha akkuzi ammessi mill-imputat Stefan Cutajar w ghalhekk il-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta’ din il-hames akkuza.

Ikkunsidrat ai fini ta’ piena:

1. L-ammisjoni bikrija tal-imputat sa mill-bidu nett ta’ dawn il-proceduri u cioe mal-presentata u li b’hekk m’inhela ebda hin zejjed tal-Qorti;

2. Il-fedina penali netta tal-imputat minn fejn jirrizulta li l-imputat m’ghandu ebda tebgha ta’ reat jew kontravenzjoni registrat fuqha w ghaldaqstant ghandu jigu trattat bhalikieku huwa *a first time offender*;

3. Il-ko-operazzjoni shiha tal-imputat Stefan Cutajar mal-Prosekuzzjoni tul l-investigazzjoni kollha ta' dan il-kaz tant li r-res furtiva giet ritornata lura lis-sid legittimu taghha.

Illi ghalhekk, **il-Qorti** wara li rat l-artikoli tal-ligi, partikolarment l-artikoli 261(b)(c)(g), 263, 267, 271, 278, 279, 280 u 281 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, **tiddikjara li qed issib lill-imputat STEFAN CUTAJAR hati tal-erbgha [4] akkuzi minnu ammessi u tiddeciedi, ai termini tal-artikolu 7(1) tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta, li tpoggih taht ordni ta' probation ghal perjodu ta' tlett [3] snin taht is-supervizzjoni ta' Probation Officer li ghandu jirrelata lil din il-Qorti kull erbgha [4] xhur dwar l-andament tal-imputat probationer Stefan Cutajar.**

**Tordna li l-imputat probationer Stefan Cutajar ghandu jsegwi kors ta' rihabilitazzjoni mal-Caritas u dan minnufih u ghandu jobdi l-ordnijiet moghtija lilu mill-Probation Officer li ser jigi nominat u fin-nuqqas il-Qorti tesigi li tkun infurmata minnufih.**

**Il-Qorti fissret fi kliem car lil imputat probationer Stefan Cutajar l-import ta' din s-sentenza u l-konsegwenzi f'kaz li hu jonqos li josservha.**

**L-imputat probationer Stefan Cutajar minn naha tieghu jiddikjara li fehem ben tajjeb l-import ta' din s-sentenza u x'jigri jekk jonqos li josservha.**

**Il-Qorti tordna li kopja ta' din s-sentenza tigi notifikata lid-Direttur tas-Servizzi tal-Probation ai termini tal-artikolu 11(5) tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta u tissolecita lil istess Direttur sabiex jinnomina persuna li jkollha esperjenza dwar kif tittratta maz-zaghzagh.**

**Il-Qorti tordna wkoll li ai termini tal-artikolu 401(3) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, kopja ta' din s-sentenza u l-atti kollha ta' dan il-procediment jintbaghtu lil Avukat Generali fiz-zmien moghti fil-ligi.**

**Finalment il-Qorti tordna li kopja ta' din s-sentenza tinghata lil istess imputat probationer Stefan Cutajar.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------